**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT 44/22/MM

Adrian Abela

Vs

Deckor Ltd

Illum, 17 ta' Jannar 2024

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fil-15 ta' Marzu 2022 fejn talab is-somma ta' elfejn disa mija u ħamsa u erbgħin ewro (€2,945), rappreżentanti l-prezz imħallas għal sitt (6) bibien interni li bdew jitqaxxru u li kienu ta' kwalita inferjuri minn dak ordnat minnu.

Ra r-rispsota tas-socjeta' intimata.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza, inkluż sett ta' ritratti u bicca njama ossia sample tal-bieb.

Serna x-xhieda bil-ġurament.

Sema' t-trattazzjoni u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Illi r-rikorrent ordna sitt bibien mingħand is-soċjeta' intimata u wara li tlesta x-xogħol u twaħħlu fuq il-post irriżulta li l-bibien kollha kienu difettużi billi bdew jitqaxxru stante li l-materjal tant kien inferjuri li seta' jitniffed b'dufrejh stess. Ir-rikorrent jilmenta wkoll li kien

hemm nuqqasijiet oħrajn li ma kienx qed jistenna fosthom li ċ-ċwievet kienu kollha l-istess għas-seraturi tal-bibien kollha, il-pumi twaħħlu aktar għoli mill-prassi u jippreċiża li flok twaħħlu f'għoli ta' 100cm kien hemm għoli ta' 113cm, il-bieb tal-*open plan* ma kienx issetjat tajjeb u għalhekk beda jaħbat, u bibien oħrajn ma kienux issetjati tajjeb tant li kem il-darba kienu jingħalqu waħedhom. Ir-rikorrenti jgħid li s-soċjeta' intimata kemm il-darba qaltlu li se tirranġa l-biebien u/jew tibdilhom iżda sad-data tal-kawża kien għadu ma sar xejn.

Is-soċjeta intimata tirispondi billi tgħid li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-bibien huma konformi mad-deskrizzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija lill-kummerċjanti, huma addattati għall-iskop li għalih inxtraw u li normalment jintużaw u huma tal-kwalita' mistennija f'oġġetti tal-istess tip. Is-soċjeta intimata tgħid ukoll li nonostante in *bona fede* xorta waħda għamlet minn kollox biex tirrimedja l-ħsarat li saru fuq il-bibien u ordnat bibien ġodda biex ikunu jistgħu jinbidlu ma dawk li twaħħlu oriġinarjament. Is-soċjetaż intimata tispjega li sfortunatament il-bibien waslu għandhom bi ħsarat u għalhek dan irriżulta f'iżjed dewmien. Tgħid ukoll li dan kien żmien il-firxa tal-COVID-19 u għalhekk dan ċertament li kkontribwixxa għal ċertu dewmien mhux tas-soltu.

**Ikkunsidra**

Illi t-Tribunal jinnota li r-risposta tas-soċjeta' intimata ikkontrasta ferm ma dak li xehed tKurt Cutajar għan-nom tas-soċjeta' intimata. Illi fis-seduta tas-7 ta' Frar 2023, ix-xhud qal *"aħna aċċetajna li kienet ħsara fil-mannifatura u għamilna claim mas-supplier."* Għalhekk *aex admissis* huwa evidenti li fil-fatt il-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma fondati stante li l-bibien m'humiex konformi mad-deskrizzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet u m'humiex tal-kwalita' mistennija f'oġġetti tal-istess tip.

Illi għalhekk il-verżjoni tar-rikorrenti hija plawsibbli u fin-nuqqas ta' kontestazzjoni fuq il-mertu mis-soċjeta intimata ma jarax għaliex m'għandux jagħddi biex jilqa' t-talba tar-rikorrenti.

Illi dwar ir-responsabbilta` ta' fornitur ta' bibien dan it-Tribunal jirreferi għall-każ ta' **Spiteri vs Associated Supplies Ltd** ta' l-20 ta'Ottubru 2003 (Qorti ta' l-Appell *sede* Inferjuri) fejn il-Qorti qalet li: *"... l-venditur irid mhux biss jiggwida lill-kompratur potenzjali biex ippogieh f'pozizzjoni li jeffettwa l-ghazla informata li hi l-aktar idonea ghalih, izda li dejjem jagixxi in buona fede fil-konfront tieghu u ma jindirizzahx lejn decizjonijiet li jistghu b'xi mod ikunu ta' pregudizzju ghalih u minghajr ma l-kompratur potenzjali jkun qed jara tali pregudizzju."*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Proinvest Limited vs Giljan Agius** (Appell 8 ta' Jannar 2010) intqal: *"hu dover tal-appaltatur li jippresta xoghol tajjeb indipendentament x'jikkonsilja jew ma jikkonsiljax is-sid. Intqal kemm il-darba li l-appaltatur li jesegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett tal-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezukuzzjoni hazina. Dan hu hekk avoja jkun hemm l-approvazzjoni ta-xoghol jew l-appaltatur ikun mexa' skond l-ispecifikazzjonijiet jew struzzjonijiet, anke espresso, moghtija mill-kommittent. L-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lil min qabbdu opra sodisfacenti u ma jistax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax il-kommittent ma oggezzjonax ghal mod kif kien qed isir ix-xoghol. Fil-fatt intqal ukoll li l-hlas tal-prezz tal-appalt ma jfissirx necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz."*

Illi l-Qorti ta' l-Appell fil-kawża **Muscat vs Cuschieri** deċiża fis-26 ta' Mejju 2006 qalet: *"min jidhol biex jesegwixxi apalt irid jaghmel tajjeb anke ghall-bonta` tal-materjal li jforni inkluz li dan il-materjal ikun idoneju ghall-iskop li ghalih ser jintuza".*

Illi meta wieħed jixtri ħaġa, għandu dritt li din il-ħaġa ma tkunx difettużż, u li tkun tal-kwalita` pattwita. Fil-kaz in ezami, hemm difett konsiderevoli fil-bibien. Is-soċjeta' intimata tispjega li l-ordni li għamlet biex tibdel il-bibien waslet ukoll difettuża. Madanakollu, apparti l-fatt li prova ta' dan ma saritx ħlief permezz tax-xhiedha tar-rappreżentant ta' l-istess intimat, jibqa' li għal dan in-nuqqas m'għandux ibati r-rikorrenti. Fuq kollox, jekk

verament l-ordni waslet Malta difettuża, dan jista' jkun ukoll sinjal li din il-linja ta' bibien verament huma ta' kwalita inferjuri u dan iwassal biex ir-rikorrenti jkollu raġun jitlef il-fiduċja fis-soċjeta' intimata u jitlob li jingħata l-flus lura. Dan iwassal ghall-aspett li r-rikorrenti ħallas flus tajba u li wieħed kellu jistenna allura li jiġi supplit b'materjal tajjeb u li fil-fatt kellu dizappunt meta beda jgħaddi ftit żmien u bdew ħerġin id-difetti.

Illi fid-dawl tal-fatt mhux kontestat li tiswija mhix prattikabbli u fil-fatt is-soċjeta' rikorrenti ordnat bibien ġodda li iżda wasslu għandha milquta b'difetti wkoll, dan it-Tribunal ma jistax jordna tiswija u lanqas bidla mill-ġdid stante li mhux ekwu u ġust li r-rikorrenti jagħmel iżjed żmien jistenna bibien li mill-esperjenza ma m'hemmx garanzija li se jaslu mingħajr difett. Minn-naħa l-oħra r-rikorrenti ġja gawda mill-użu tal-bibien u jekk iżommhom ser jibqa' jgawdi għal xi żmien ieħor. Għaldaqstant dan il-fattur ser jittieħed in kunsiderazzjoni fid-deċiżjoni tat-Tribunal.

DECIDE

Ghal motivi senjalati dan it-Tribunal qed tilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement wara Ii qies ic-cirkostanzi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal:

1.Qiegħad jiċħad l-eċċezzjonijiet sollevata mis-soċjeta intimata, jilqa t-talba rikorrenti u jordna lis-soċjeta' intimata tirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' elfejn disa mija u ħamsa u erbgħin ewro (€2,945), rappreżentanti l-prezz imħallas għal sitt (6) bibien interni fi żmien ġimgħa mil llum;

2.Il-bibien għandhom jinqalaw u jittieħdu lura mis-soċjeta' intimata mingħajr ebda kumpens addizzjonali dovut lejn is-soċjeta' intimata u dan wara li r-rikorrenti jkun waħħal il-bibien ġodda. Ir-rikorrenti għandu jara li l-bibien il-ġodda jitwaħħlu entro

ż-żmien ta' sitt (6) xhur mil-llum. F'każ li s-soċjeta' intimata ma tmurx taqla l-bibien fi żmien xahar minn-notifika bil-miktub (anke permezz ta' email), ir-rikorrenti jkollu d-dritt li jaqla u jiddisponi mill-bibien hu stess a spejjeż tas-soċjeta' intimata.

3.Alternattivament, f'każ li r-rikorrenti jagħżel għad-diskrezzjoni tiegħu li jżomm il-bibien dan it-Tribunal qiegħad jistabbilixxi l-ammont ta' danni *arbitrio boni viri* fis-somma ta' elf erba' mija u ħamsa u sebgħin ewro (€1,475) u qed jordna lis-soċjeta' intimata tirrifondi lir-rikorrenti din is-somma hekk likwidata fi żmien ġimgħa mil llum.

L-ispejjez ta' din is-sentenza jithallsu mis-socjeta` intimata.

Avv. Dr Martha Mifsud

Arbitru